**TRIBUNAL INDUSTRJALI**

**DECIZJONI NUMRU 2781**

**Kaz Numru 3420/GV**

**Fil-Kwistjoni tax-xoghol**

**bejn**

**Maria Galea (KI 71056 A)**

**u**

**Malaga Enterprises Ltd (C 14884)**
**u**
**2RS Ltd (C 61760)**

*dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

**Chairman: Dr. Geoffrey Vella B.A. LL.D**

Illum 30 ta' Novembru 2021

**Introduzzjoni**

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrijali, kif diversament ippresedut, permezz ta' rikors ipprezentat mid-Dottoressa Leontine Calleja ghan-nom tar-rikorrenti, Maria Galea, fir-Registru Superjuri fit-30 t'Ottubru 2015. Illi r-rikorrenti qieghda ssostni li s-socjetajiet intimati huma responsabbli ghat-tkeccija ngusta taghha u kif ukoll li tithallas l-ammont pendenti u kif ukoll kumpens gust, u dan ai termini ta' artikolu 81 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta.

Mill-banda l-ohra s-socjetajiet intimati wiegbu permezz ta' Stqarrija tal-Kaz fl-4 ta' Dicembru 2015 intavolata mill-avukat, Dottor Andrew Borg Cardona. F'din l-istqarrija gie eccepit li, fl-ewwel lok, gie ribadit li jrid jigi stabbilit jekk it-terminazzjoni sehhitx waqt il-perjodu ta' prova, u dan stante li l-impjieg tar-rikorrenti ma bediex mad-data asserita minnha. Fit-

tieni lok, tqajjmet l-eccezzjoni tal-legittimu konrtradittur, u dan peress li ma hemmx kjarezza min hu l-principal tar-rikorrenti.

In oltre, il-kaz quddiem dan it-Tribunal ghandu jkun ristrett ghal rizarciment dwar jekk it-terminazzjoni tal-impjieg sehhitx skont il-ligi. Kwistjonjiet ohra li ma humiex kompetenza tat-Tribunal ghandhom jigu michuda. Illi dwar il-mertu, l-intimati l-fehma tal-intimati hi li din it-tkeccija kienet gustifikata minhabba l-imgieba tar-rikorrenti u kif ukoll il-prestazzjoni taghha fuq ix-xoghol.

Dan it-Tribunal, ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz u dan kif gie lilu pprezenatat mill-partijiet kontendenti. Illi t-Tribunal zamm sittax-il seduta (16) b'kollox fejn instemghu x-xhieda mressqa miz-zewg partijiet, u, in oltre, l-istess Tribunal evalwa l-provi mressqa quddiemu flimkien mad-dokumenti pprezentati mill-kontendenti partijiet.

Di piu', saret trattazzjoni miz-zewg difensuri tal-partijiet, u ta' dan, l-istess Tribunal ha in konsiderazzjoni l-istess argumenti kif ipprezentati fit-trattazzjoni finali tal-istess difensuri. In oltre, ma kienx possibbli li dan it-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fi zmien xahar kif stipulat fil-ligi u dan stante l-limitazzjonijiet ta' facilitajiet amministrattivi, bidla fic-*Chairperson* u kif ukoll minhabba talbiet ta' differimenti.

Bi qbil bejn il-partijiet il-proceduri ta' din il-kwistjoni ta' xoghol saru bil-lingwa Ngliza, izda d-decizjoni tinghata bil-lingwa Maltija.

Illi, r-rikorrenti kien rapprezentata mill-Avukatessa, Dottoressa Leontine Calleja, mentri s-socjetijiet intimati kienu rapprezentati mill-Avukat, Dottor Andrew Borg Cardona.

**Il-Fatti fil-Qosor tal-Kaz in dezamina.**

Illi r-rikorrenti kienet giet impjegata mas-socjeta` ntimata, bhala *Accountant,* mid-9 ta' Settembru tas-sena elfejn u erbatax (2014) fuq bazi *full-time* mas-socjeta` Malaga Enterprises Ltd, u fuq bazi *part-time* mas-socjeta` 2RS Ltd. L-impjieg tar-rikorrenti kien gie registrat mall-ETC, kif kienet maghrufa dakinhar, u llum Jobs Plus, fl-1 ta' Frar 2015.

Ir-rikorrenti kienet offruta salarju ta' €1200 mensili mid-diretturi Dr. Robert Zammit u missieru, Raymond Zammit, dakinhar li kienet ghamlet intervista (*interview*) tax-xoghol. Gie miftiehem mall-istess rikorrenti li jekk huma jkunu kuntenti biha, s-salarju kien se jizdied ghal €1500 fix-xahar.

Ir-rikorrenti kienet tipprepera l-pagi u kienet hi stess li ghamlet il-paga taghha ghal €1500 fix-xahar ta' Dicembru 2015, u dan skont il-ftehim li hi kellha maz-zewg diretturi. Is-sur Raymond Zammit kien oggezzjona ghal dan, u r-rikorrenti kienet lesta li tirrifondi €300 izda kienet se tieqaf mill-impjieg mall-intimati. L-istess persuna kien qallha sabiex tikkalma u tkompli bix-xoghol taghha u dan ghax hi kienet tajba f'xogholha.

Fi Frar 2015 ir-rikorrenti nfurmat lill-intimati li hi kienet se tmur izzur lil bintha fir-Rumanija f'Settembru 2015, u dan peress li din kien se jkollha tarbija.  Ghalhekk xtaqet li tibbukkja l-*leave* ghal dan il-ghan. Ir-rikorrenti kienet applikat bil-miktub ghal-*leave* fl-24 t'Awwissu 2015, u ma kienet halliet xejn pendenti.

Ir-rikorrenti kienet se titlaq ir-Rumanija fil-5 ta' Settembru 2015 u tirritorna fit-30 ta' Settembru. Fl-4 ta' Settembru 2015 kif ir-rikorrenti kienet se tispicca mix-xoghol, fl-4.30 p.m., kienet giet avvicanata mid-direttur, Dr. Robert Zammit, u nfurmaha li kien se jitterminalha l-impjieg taghha dakinhar stess. Dr. Zammit kien kellimha hu minflok missieru peress li missieru, Raymond Zammit, ma kienx jifhem bl-Ingliz u ma kienx jaf jaqra sew.

Ir-rikorrenti tghid fir-rikors taghha li hi qatt ma kellha kwistjonijiet ta' xoghol u lanqas ma tista' tifhem ghalxiex tkecciet mill-impjieg taghha, meta hi dejjem kienet taghmel kull ma kien hemm bzonn minnha u dan anke meta dan ma kienx parti minn xogholha.

Ir-rikorrenti kienet bdiet sistema gdida u organizzat din is-sistema, in oltre, qatt ma kienet inghatat l-ebda twissija (*warning*). Di piu', r-rikorrenti kellha tithallas l-paga, *allowance*, perjodu ta' *notice*, *leave* u kif ukoll parti mill-bonus peress li ma kinitx thallset l-ammont kollu lilha dovut.

**Xhieda Prodotti f'din il-Kwistjoni ta' Xoghol**

Illi f'din il-kwistjoni ta' xoghol gew ipprezentati diversi dokumenti, fosthom affidavit mill-partijiet u kif ukoll DVD ipprezentat mill-intimati. In oltre, tharrku diversi xhieda fosthom dirigenti tas-socjeta` ntimata, haddiema tal-istess socjeta` ntimata, u kif ukoll xehdet ir-rikorrenti.

Illi fis-seduta tas-18 ta' Jannar 2016, gie kkonfermat mill-konsulent legali tar-rikorrenti li hi kienet thallas dak kollu li lilha kien dovut bhala pendenzi ta' pagi, u *leave* li ma kinitx hadet ir-rikorrenti. Fl-1 ta' Frar 2016, ir-rikorrenti ipprezentat nota li fiha kkonfermat li kienet thallset, fit-23 ta' Dicembru 2015, il-pendenzi li kellha dwar il-paga, l-*leave*, l-bonus tal-Gvern u l-*allowance*. Cio nonostante, l-ebda hlas ma kien sar fir-rigward tal-perjodu tan-*notice*.

Fis-seduta tas-26 ta' Settembru 2016 it-Tribunal, kif diversament ippresedut kien ha konjizzjoni tal-fatt li r-rikorrenti kienet thallset u dan b'referenza ghan-nota citata, u ghalhekk it-Tribunal kien se jikkunsidra biss il-kwistjoni tat-tkeccija ngusta tar-rikorrenti.

Fis-seduta tas-7 ta' Novembru 2016 xhed bil-gurament Dr. Robert Zammit, fejn stqarr li hu kien id-direttur tas-socejta` 2RS Ltd u li din is-socjeta' kienet tinnegozja fil-qasam tal-kostruzzjoni. Ir-rikorrenti, sostna dan ix-xhud, kienet Accounts Manager. Ir-rikorrenti kienet impjegata maz-zewg socjetatijiet ntimati, ossia kemm ma' Malaga Enterprises Ltd, u kif ukoll ma' 2RS Ltd, ikkonferma x-xhud, Dr. Robert Zammit[1].

Dan ix-xhud sahaq li r-rikorrenti kienet bdiet maghhom bhala *self-employed* u ghall-bidu ta' Frar 2015 kienet giet impjegata taghhom. Dwar ir-raguni tat-terminazzjoni taghha dan ix-xhud qal li r-rikorrenti kienet tmur tard ghax-xoghol jew addirittura ma tidholx, u tghid li kienet marida. Ix-xhud sostna li r-rikorrenti kellha din it-tip ta' attitudni. Ir-rikorrenti kienet tahdem ma' hames impjegati ohra li kienu fl-istess ufficcju. Ix-xhud qal li kinitx l-ewwel darba li r-rikorrenti kienet issabbat l-affarijiet fl-ufficcju ta' missieru, Raymond Zammit, li hu ukoll direttur tas-socjetajiet

[1] Xiehda ta' Dr. Robert Zammit, seduta tas-7 ta' Novembru 2016, pagna 3 tat-traskrizzjoni.

intimati. Ir-rikorrenti kienet issabbat dawn l-affarijiet meta hi ma kinitx tifhem kwistjonjiet relatati mall-*accounts* u dan ghax ma kinitx tifhem sew bl-Ingliz. Dan ix-xhud qal li r-rikorrenti kienet responsabbli bhala *Accounts Manager* mill-*accounts* kollha tal-kumpaniji, mill-*payroll*, salarji tal-haddiema u l-affarijiet l-ohra. Ix-xhud sahaq li meta r-rikorrenti spiccat mix-xoghol kellhom jimpjegaw awditur (*external auditor*) minhabba n-nuqassijiet li halliet warajha r-rikorrenti.[2]

Ix-xhud baqa' jsostni ghad-domandi tat-Tribunal li huma ma kienux sodisfatti bil-prestazzjonijiet tar-rikorrenti, u dan peress li kellhom jimpjegaw lil xi hadd iehor sabiex jirranga l-izbalji li r-rikorrenti ghamlet fil-programm SAGE, li hu program ta' *software* relatat mall-*accounts*. Dan il-persuna kien aktar bhala konsulent milli mpjegat taghhom.

Is-sitwazzjoni li gaghlithom li jiehdu d-decizjoni li jitterminaw lir-rikorrenti mill-impjieg kienet li r-rikorrenti kienet tidhol fl-ufficcju ta' missier ix-xhud u taqbad tghajjat ma' missier ix-xhud. Ix-xhud stqarr li hu kien jghidilha sabiex ir-relazzjoni ta' xoghol tieqaf hemm u kien kellem lill-awditur biex jara x'ghandha tiehu. Izda kien hemm diskrepanza minn dak li kienet qieghda titlob ghal dak li riedu jhallsu huma.

Ix-xhud fix-xiehda tieghu semma' ukoll il-fatt li r-rikorrenti ma kinitx izzomm l-igene personali taghha tajjeb, tant li l-impjegati l-ohra kienu jilmentaw dwar dan il-fatt. Dan ix-xhud sostna li kienu sahansitra mexxewha f'ufficcju iehor u kif ukoll li kienu jigbdulha l-attenzjoni sabiex tiehu hsieb dan l-aspett ta' igene personali taghha[3].

Ix-xhud irrimarka li hu ghandu mpjegati mieghu, u li hadd ma hu perfett. Kull meta jkun hemm xi problemi x-xhud jitkellem mall-impjegat biex jara kif isolvi din il-problema, izda mar-rikorrenti dan ma kienx jirnexxi ghax kienet tirrabja, ssabbat l-affarijiet mall-ufficcju jew thedded li titlaq. Dan it-theddid kien jikkonsisti billi r-rikorrenti kienet thedded li tmur tirrapporta lill-awtoritaijiet kif kienu jahdmu. Ix-xhud, Dr. Robert Zammit, sostna li hu ma kellu l-ebda problema li tirrapporta ghax kellu kollox sew.

---

[2] Xiehda ta' Dr. Robert Zammit, seduta tas-7 ta' Novembru 2016, pagna 7 tat-traskrizzjoni.
[3] Ibid, pagna 10 tat-traskrizzjoni.

In oltre, sahaq ix-xhud, ir-rikorrenti kellha problema ta' komunikazzjoni peress li ma kinitx tifhem sew il-kliem tekniku bl-Ingliz. Ix-xhud qal li r-rikorrenti meta kien jghidilha xi kliem tekniku relatat mall-*accounts*, kienet tiehu xi nofs ta' nhar sabiex tirricerka fuq *Google* biex tifhem ezatt dan il-kliem tekniku.

Ghad-domanda ghaliex kienu mpejgawha, x-xhud wiegeb li peress li kienet *accountant* kwalifikata u kellha ukoll l-ACCA, izda r-rikorrenti qatt ma kienet tatu dawn id-dokumenti ghalkemm kien dejjem jitlobhomlha. Ix-xhud baqa' jsostni li r-rikorrenti kienet inkompetenti f'xogholha. Ix-xhud qal li lanqas kienet kapaci twassal l-informazzjoni tajba meta kienu jibghatuha ghand l-awditur, u ghalhekk kien aktar jaqbel li jibghatu ghalih u jkunu jafu direttament minghandu l-informazzjoni mehtiega.

Ghad-domanda tat-Tribunal dwar l-attitudni tar-rikorrenti ma' missier ix-xhud, ix-xhud wiegeb li ma kienx jiftakar ezatt. Li seta' jghid kien li l-attitudni taghha ma kinitx tajba, wiehed ma setax jibni relazzjoni maghha specjalment meta tigi biex tikkorregiha. Ix-xhud ghad-domandi tat-Tribunal baqa' jinsisti ghall-incident wiehed fejn biex jiddeskrivieh fid-dettal baqa' jghid li ma kinitx kapaci twettaq ix-xoghol taghha sew. Meta kienu jippruvaw ikellmuha dwar l-izbalji li kienet taghmel, ir-rikorrenti kienet tibda tghajjar lil missier ix-xhud stupidu (*stupid*) u kienet taghmel xenata shiha, "*And she put on the whole drama*"[4].

Ix-xhud, dwar l-igene tar-rikorrenti ghad-domanda tat-Tribunal, wiegeb li fl-ufficcju kulhadd kien urtat b'din is-sitwazzjoni u dan kien jafu ghax kienu jghidulu l-istess impjegati. Ix-xhud sostna li hadd ma kien ikun komdu hdejn xi hadd li jkun jinten. Ix-xhud sostna ukoll li r-rikorrenti lanqas ma riedet li tkun tidher fuq il-kotba tas-socjeta` ntimata bhala mpjegata, riedet li taghtihom l-ircevuti fiskali, u dawn l-ircevuti fiskali qatt ma kienu waslu sew.

Dan kien f'dak il-perjodu meta r-rikorrenti kienet *self-employed*. Ghalhekk ix-xhud sahaq li kellhom jimpjegawha maghhom, ma' Malaga Enterprises Ltd. Ix-xhud qal li l-ewwel, u cioe` meta r-rikorrenti bdiet tahdem maghom

[4] Xiehda ta' Dr. Robert Zammit, seduta tas-7 ta' Novembru 2016, pagna 16 tat-traskrizzjoni.

kien f'Marzu, u dan kien mas-socjeta` 2RS Ltd. Sussegwentement, f'Jannar giet impjegata ma' Malaga Enterprises Ltd[5].

Ma' din is-socjeta` ntimata, rrimarka dan ix-xhud, ir-rikorrenti damet minn Jannar sa Settembru mpjegata, u ghalhekk iz-zmien ta' prova ta' sitt xhur kien ghadda. Fis-sitt seduta, u cioe` dik tal-14 ta' Novembru 2017, gie pprezentat l-affidavit ta' Raymond Zammit, ossia d-direttur tas-socjeta` ntimata Malaga Enterprises Ltd. F'dan l-affidavit is-sur Raymond Zammit elenka l-istess fatti li dwarhom xehed ibnu, Dr. Robert Zammit.

F'dan l-affidavit gie rrimarkat in-nuqqas ta' puntwalita` tar-rikorrenti, l-assenza taghha mix-xoghol, l-attitudni taghha, l-inkompetenza fuq ix-xoghol, l-igene personali tar-rikorrenti, n-nuqqas ta' komuninkazzjoni specjalment bl-Ingliz, in-nuqqas li tipprezenta c-certifikati tal-ACCA, naqset li tikkonforma minn dak mitlub u cioe`, milli tipprezenta l-informazzjoni meta mitluba kemm mid-diretturi u kemm mill-awditur, li ma kinitx kuntenta fuq ix-xoghol, naqqset milli tipprovdi l-ircevuti fiskali meta kienet tahdem bhala *self-employed*, u li b'mod stramb ghall-ahhar il-kuntratt ta' mpjieg tar-rikorrenti ma kienx jinsab fl-ufficcji tas-socjeta` ntimata, meta dan kien gie ffirmat mill-istess rikorrenti.

Fis-seduta tas-6 ta' Frar 2018 kompla jixhed Dr. Robert Zammit, u kif ukoll ipprezenta dokument li gie mmarkat bhala, Dok. 'RZ1' u DVD, immarkat bhala Dok. 'RZ2'. Tajjeb li jigi rrimarkat li dan id-DVD gie kkontestat mill-konsulenta legali tar-rikorrenti, Dottoressa Leontine Calleja.

F'din is-seduta s-socjeta` ntimata ghalqet il-provi taghha. Fl-imsemmija seduta Dr. Robert Zammit kompla bix-xiehda tieghu u beda biex ikkonferma li hu d-direttur ta' 2RS Ltd u li topera mill-istess bini li topera tas-socjeta` ntimata l-ohra Malaga Enterprises Ltd. Dwar id-dokumenti li esebixxa ix-xhud spjega li Dok. RZ1' kienu numru ta' *timesheets* fejn ir-rikorrenti ma kinitx tmur ghax-xoghol jew kienet tidhol tard. Dan kien minghjar ebda applikazzjoni ghal *leave* jew certifikat ta' mard (*sick leave*)[6].

---

[5] Ibid, pagna 20 tat-traskrizzjoni.
[6] Xiehda ta' Dr. Robert Zammit, seduta tas-6 ta' Frar 2018, pagna 2 tat-traskrizzjoni.

In oltre, dan ix-xhud ipprezenta ukoll *recording* ta' diskorsata li hu u r-rikorrenti kellhom dwar il-mod kif kienet se tithallas ir-rikorrenti ghat-tmien tal-impjieg taghha. Il-konsulent legali tar-rikorrenti, kif gia gie rrimarkat, oggezzjanat bil-qawwa kollha ghal dan id-din il-prova u dan peress li dan ir-*recording* sar ad insaputa tal-istess rikorrent, u dan kif ikkonferma l-istess xhud. Ix-xhud sostna li hemm sinjal u tabelli li jindikaw li hemm *cameras* (CCTV) u "*recording devices*" [7].

Dwar dan ir-*recording* ix-xhud sostna li kienu ddecidew li jaghmlu hekk peress li fil-passat ir-rikorrenti mhux l-ewwel darba li rrikorriet ghal tattici mahmuga (*dirty tricks*). Dan sar biex ikunu koperti u dak li jintqal ikun kollox dokumentat. Ix-xhud spjega li r-rikorrenti tinstema' kuntenta li kienet se titlaq, u in oltre, kienet ibbukkjat titjira ghar-Rumanija sabiex tmur izzur lil bintha. Ir-rikorrenti ma kinitx ibbukkjat biljett tar-ritorn u ghalhekk ma kellha l-ebda ntenzjoni li tirritorna. Ix-xhud baqa' jsostni li r-*recording* hu spjegattiv minnu nnifsu (*self-explantory*)[8].

Fis-seduta tal-5 ta' Gunju 2018 gie pprezentat dokument minn Diane Xuereb, rapprezentanta ta' Jobs Plus, li esebit Dok. 'DX', li jikkonsisti 4 dokumenti li jindikaw lista ta' mpjegati li kienu mpjegati ma' erba' kumpaniji, kif mituba mill-konsulent legali tar-rikorrenti. Minn dan id-dokument jirrizulta li r-rikorrenti kienet impjegata ma' Malaga Enterprises Ltd mill-1 ta' Frar 2015 u registrata mall-awtorita` fil-25 ta' Frar 2015 u bid-data ta' terminazzjoni tal-4 ta' Settembru 2015, liema terminazzjoni giet registrata fit-23 ta' Settembru 2015.

F'din is-seduta, r-rikorrenti, Maria Galea, spejgat meta bdiet tahdem maz-zewg socjetatjet intimati, fejn tghid li fit-28 t'Awwissu 2014 kellha ntervista (*interview*) ma' Dr. Robert Zammit u missieru, s-sur Raymond Zammit. Matul din l-intervista kienu qablu li kellha tithallas salarju ta' €1,200 fix-xahar, u wara xahrejn, jekk ikunu kuntenti biha, tizdied ghal €1,500 fix-xahar u tigi regisrtata mall-*Jobs Plus*[9].

---

[7] Ibid, pagna 3 tat-traskrizzjoni.
[8] Ibid, pagna 7 tat-traskrizzjoni.
[9] Xiehda tar-rikorrenti, Maria Galea, seduta tas-5 ta' Gunju 2018, pagna 2 tat-traskrizzjoni.

Ix-xhud tghid li kienet inghatat skrivanija zghira, jew ahjar mejda zghira, u *computer* maghha, fejn qalulha li tista' tibda minn dakinhar stess (28/08/2014). Ix-xhud irrimarkat li kien ilhom minghajr *accountant* ghal aktar minn hames jew sitt xhur. Dwar il-*punch cards*, ir-rikorrenti qalet li ma kellhomx *punch cards* u kienu jisselfuhom minghand kumpanija ohra. Ziedet tghid li l-impjegati mas-socjetajiet fejn kienet impjegata kienu jibdew xoghol fit-8.00 a.m. mentri l-kumpanija l-ohra li minghandha kienu jisselfu l-*punch cards* kienu jibdew fid-9.00 a.m. jew fid-9.30 a.m. Din il-kumpanija kellha s-*showroom* taghha taht il-bini tal-ufficini ta' fejn kienet tahdem ir-rikorrenti. Ir-rikorrenti sostniet li din is-*showroom* kienet tat-tifel l-iehor ta' Raymond Zammit, u dan kien jibghat lil xi haddiem minn tieghu biex jifthilhom u jaghtihom il-*punch cards*. Ix-xhud tghid li hi kienet tkun l-ewwel wahda tistenna lil dan il-haddiem sabiex tkun tista' tidhol fl-ufficcju[10].

Ix-xhud tghid li jekk kienet tippancja fit-8.10 a.m. kien ifisser ghax min ikun gie jiftah u jaghtihom il-*punch cards,* ikun gie tard. Ir-rikorrenti tghid ukoll li gieli nqabdet fit-traffiku u kienet tinfurmahom, jew ikollha l-vettura blokkjata fil-parkegg. Ir-rikorrenti tghid ukoll li jekk wiehed jara l-*punch cards* jirrizulta li kemm fil-bidu tax-xahar u kemm fl-ahhar tax-xahar ma kienux jippancjaw, u dan ghax ma kienx ikollhom *punch cards*.

Ir-rikorrenti stqarret ukoll li meta ma kinitx tippancja kien ghax kienet tibqa' sejra ghand kumpanija ohra, bl-isem ta' Dakar sabiex tottjeni xi nformazzjoni dwar is-*software* tas-salarji relatat mall-*payroll* u dan meta hi bdiet tahdem il-*payroll* ghal dawn il-kumpaniji. Ix-xhud sostniet li hi kienet tmur ghand il-kumpanija Dakar fuq struzzjonjiet tad-diretturi[11].

Ix-xhud issostni li hadd mill-impjegati ma kien registrat u kienet hi li bdiet tahdem il-payroll ta' dawn il-haddiema. Ix-xhud sahqet li kienet hi li gabet kollox kif suppost ghax qabel ma kien hemm xejn kif ghandu jkun. Ix-xhud spjegat li d-diretturi tas-socjeta` ntimata kienu kull darba jipposponu l-awment fis-salarju taghha u dan kif kienu qablu bejniethom matul l-

[10] Xiehda tar-rikorrenti, Maria Galea, seduta tal-5 ta' Gunju 2018, pagna 2 tat-traskrizzjoni.
[11] Ibid, pagna 3 tat-traskrizzjoni.

intervista. Ir-rikorrenti spjegat li minn €1200 fix-xahar wara xahrejn kellha tizdied ghal €1500, u dan dejjem jekk ikunu kuntenti b'xoghlha.

Meta f'Novembru hi kienet avvicant lil Dr. Robert Zammit sabiex tizdied, dan kien qallha li mhux f'dan ix-xahar, u hawn ix-xhud stqarret li kienet lesta li titlaq. Fix-xahar ta' wara, u cioe` ta' Dicembru, kienet regghet marret tkellem lil Dr. Robert Zammit dwar din iz-zieda kif mifthema. Dr. Robert Zammit kien imsiefer u kellmet lil missieru, Raymond Zammit, sabiex jiffirma c-cekkijiet tal-pagi ta' dak ix-xahar. Dan min-naha tieghu qal lix-xhud li kien nesa dwar dan kollu. Ix-xhud spjegat li kienet lesta li titlaq la dan il-ftehim dwar iz-zieda ma kienx se jinzamm. Dan kien f'Dicembru tas-sena 2014.

Ix-xhud issostni li din kienet l-unika argument li kellhom kemm damet tahdem maghhom. Ix-xhud tghid li hi kienet gia marret fuq l-iskrivanija taghha u bdiet tigbor l-affarijiet taghha minn fuq l-iskrivanija, u kien hawn li Raymond Zammit mar ikkellimha, fejn kien accetta li tibda tithallas l-ammont ta' €1500 mensili[12].

Dwar il-fatt li x-xhud kienet tmur tard ghax-xoghol, ix-xhud qalet li hi qatt ma marret tard hlief f'xi eccezzjonijiet. Ix-xhud tispjega dwar il-problemi li kellhom bl-*accounts* peress li kien hemm xi tmien (8) kumpaniji ohra li kien ghadhom miftuha. Hi kellha tiehu hsieb dan kollu, sostniet ir-rikorrenti fix-xiehda taghha. Ix-xhud qalet li kienet gibdet l-attenzjoni tad-diretturi u li kien hemm bzonn li jinfetah *account* ghal kull kumpanija li kien hemm. Ix-xhud tghid li kienet infurmathom li kien hemm bzonn li jinxtara programm ta' *software*, SAGE. Ix-xhud sostniet li l-*financial statements* riedu jkunu aggornati ghal kull sena.

Ix-xhud dwar il-fatt li kienet impjegata ma' zewg kumpaniji, qalet li dan sar sabiex ikun hemm tnaqqis fit-taxxa. Hi kienet fuq bazi *part-time* ma' wahda u *full-time* ma' ohra. Ix-xhud sahqet li hi kienet registrata ma' Malaga Enterprises Ltd fi Frar, u ma' 2RS Ltd f'Marzu, u dan unikament ghall-skopijiet ta' taxxa[13].

---

[12] Xiehda tar-rikorrenti, Maria Galea, seduta tal-5 ta' Gunju 2018, pagna 6 tat-traskrizzjoni.
[13] Xiehda tar-rikorrenti, Maria Galea, seduta tal-5 ta' Gunju 2018, pagna 9 tat-traskrizzjoni.

Ix-xhud irrilevat ukoll li hi qatt ma kellha kuntratt ta' mpjieg kemm damet tahdem mall-intimati. Ix-xhud kompliet tixhed billi qalet li kienet tibza' li kienet se tispicca f'xi problema minhabba l-fatt li l-intimati ma kellhomx kollox in ordni bhala taxxi. Ix-xhud qalet ukoll li hi ma kellha l-ebda problemi mall-awdituri.

Dwar it-terminazzjoni taghha, x-xhud sostniet li kienet sorpriza li bil-mod kif aggixxew maghha d-diretturi. Ir-rikorrenti qalet li hi kienet ilha erba' xhur li kienet applikat ghal-leave biex tmur ir-Rumanija tara lil bintha li kien se jkollha tarbija. Ix-xhud sahqet li ma kellha l-ebda hjiel x'kien se jigri u cioe` li kienet se titkecca. Ix-xhud irrimarkat li meta hi applikat ghal dan il-l*eave* hadd ma kien qallha li ma setghetx tiehu dan il-*leave*.

Ix-xhud tghid li fil-5 ta' Settembru 2015 hi kellha l-biljett tal-ajru, u hi kienet hadmet l-ahhar fl-4 ta' Settembru, fejn kien mar Dr. Robert Zammit u kien infurmaha li hi tista' ma tmurx aktar, u dan ghax missieru ma kienx jaf bl-Ingliz u ma kienx jaf jaqra. Ix-xhud tghid li hi xxokjat ruhha meta semghet hekk. In oltre, hi ma kellha l-ebda hjiel li kienet qieghda tigi rikordjata. Bhala sinjali u tabelli kull ma kien hemm huma sinjali tal-alarm.

Ix-xhud tghid li kienet ghaddiet in-numru tal-kont tal-bank taghha li kellha gor-Rumanija sabiex tithallas, izda kienet damet madwar xahrejn sakemm irciviet il-hlas dovut lilha. Ix-xhud ikkonfermat li hi giet terminata mill-impjieg, il-Gimgha, l-4 ta' Settembru fl-4.30 p.m., gurnata qabel kellha ssiefer[14].

Ix-xhud ghalqet ix-xhieda taghha fejn spejgat li dejjem kienet edukata fuq il-post tax-xoghol u li qatt ma kellha xi twissija (*warning*). Ix-xhud qalet li xogholha kien li torganizza u tara li l-*accounts* tal-kumpaniji ntimati ikunu sew.

Fis-seduta tad-9 t'Ottubru 2018 kompliet tixhed ir-rikorrenti, Maria Galea. Ir-rikorrenti ipprezentat dokument Dok. 'MGA', u cioe` sett dokumenti li huma *emails* skambjati ma' Dr. Robert Zammit, il-hinjiet tal-ftuh tas-*showroom*, il-kont bankarju tar-rikorrenti li jikkonferma li kienet irciviet il-

[14] Ibid, pagna 14 tat-traskrizzjoni.

pagi dovuti, *timesheet* ta' Novembru 2014 u l-kont bankarju, C.V. tar-rikorrenti, ACCA, certifikati u Diploma tar-rikorrenti, *emails* ohra skambjati ma' Nureyev Pace wara t-terminazzjoni, *emails* skambjati ma' Dr. Robert Zammit wara t-tkeccija, l-ilmenti maz-zewg socjetatijiet ntimati, Malaga Enterprises Ltd u 2RS Ltd, kopji ghar-Registru tal-Kumpaniji li juru li l-awditur tal-kumpaniji, Malaga Enterprises Ltd, ta' 2R's Ltd, Ta' Kola Ltd, Raymond Autodealer Ltd, u Ta' Dwardu Ltd, hu Christopher Spiteri, u kopji ghar-Registru tal-Kumpaniji li juri l-hlas tar-rikorrenti bhala *self-employed* kien registrat ma' Ta' Kola Ltd.

F'din is-seduta tad-9 t'Ottubru 2018, ir-rikorrenti kompliet bix-xiehda taghha. Ir-rikorrenti, dwar is-sitema ta' sorveljanza li hemm fl-ufficcju, tghid li sakemm hi kienet impjegata qatt ma kien hemm sistema awdjo visiva ta' sorveljanza (*audio video surveillance*). Kull ma kien hemm, tghid ir-rikorrenti, kien *intercom* u li Dr. Robert Zammit kien irrekordjaha minghajr il-permess taghha. Ir-rikorrenti baqghet issotni li ma kien hemm l-ebda *cameras* u lanqas sinjali li jindikaw li l-impjegati kienu qeghdin jigi rrekordjati matul il-gurnata tax-xoghol taghhom. Ix-xhud tghid li fejn kienu jinsabu huma bhala ufficcini ma kien hemm xejn. Jekk kien hemm, tghid ir-rikorrenti, kienu fl-ufficcini ta' isfel li kienu ta' tifel iehor ta' Raymond Zammit.

In oltre, x-xhud tghid li hi kient tat l-ircevuti fiskali meta hi kienet *self-employed*, u dawn l-ircevuti jinsabu fil-fajl tas-socjeta` Ta' Kola Ltd. Ir-rikorrenti tghid li sakemm damet fuq bazi ta' *self-employed* il-mizati taghha huma riflessi fil-*financial statements* tas-socjeta` Ta' Kola Ltd.

Dwar il-fatt li hi kienet tkun assenti mix-xoghol jew li ma tattendiex, ir-rikorrenti ziedet tghid li hi kull meta ma marritx ghax-xoghol minhabba mard dejjem ipprezentat ic-certifikat mediku. Ir-rikorrenti tghid li qabel kien jinhareg ic-cekk tal-paga dan kien jigi ivverifikat billi hi kienet tipprepera l-*payslip*, il-*punch card*, ic-certifikat mediku, u *timesheet*. Dawn kienet tehodhom biex jigu vverifikati u kienu jigu approvati wara li jkunu

gew ivverifikati. Ghalhekk wara li jkunu vverifikati li hi kienet tohrog ic-cekkijiet[15].

Ix-xhud tghid ukoll li f’dak il-perjodu li hi kienet impjegata kien hemm zewg persuni ohra, persuna ta’ nazzjonalita` Bulgara, u ohra ta’ nazzjonalita’ Ngliza. Ix-xhud tkompli tghid li ma’ Raymond Zammit dejjem bl-Ingliz kellmuh u qatt ma kien hemm problema fuq hekk.

Ix-xhud ssostni li wara t-terminazzjoni hi kienet thallset biss ta’ erba’ xhur, u kien meta fethet l-ilment mad-Dipartiment (DIER) li kienet thallset kollox f’Dicembru 2015.

Fis-seduta tal-11 ta’ Dicembru 2018, xehed Joseph Saliba, rapprezentant tal-Jobs Plus li pprezenta dokument, Dok. ‘JS1’, u cioe` lista tal-impjegati li kienu mpjegati ma’ 2RS Ltd. Ir-rikorrenti tirrizulta li kienet impjegata ma’ din is-socjeta`, li hi wkoll intimata f’dawn il-proceduri, mill-1 ta’ Marzu 2015 sal-4 ta’ Settembru 2015, bhala *Senior Accountant* u r-raguni tat-terminazzjoni tkun; “*Redundancy: Lack of Work*”[16].

In oltre, r-rikorrenti pprezentat Affidavit ta’ Dottor Luigi A. Sansone li fih hemm iddikjarat li r-rikorrenti kien ilha mpjegata bhala *accountant* mall-istess Dottor Sansone mill-1 ta’ Marzu 2016, ossia ghal aktar minn sentejn.

F’dan l-affidavit hemm ukoll iddikjarat li r-rikorrenti hija persuna eccellenti f’xogholha u li taf tmur sew kemm mieghu, u kif ukoll mall-impjegati. In oltre, Dottor Sansone iffahhar sew il-kwalitajiet tar-rikorrenti, u jiddeskrivi lir-rikorrenti bhala mara matura u b’karattru bilancjat. Jghid ukoll li dejjem kienet puntwali fuq ix-xoghol u bis-sahha tar-rikorrenti hemm sistema aggornata tal-*accounts*.[17]

F’din is-seduta tal-11 ta’ Dicembru 2018 xehed ukoll Christopher Spiteri, li qal li lir-rikorrenti ma kienx jafha personalment u li qatt ma ltaqa’ maghha. Kull ma qal li hu kien jircievi l-karti minghand Ray Zammit u Robert

[15] Seduta tad-9 ta’ Ottubru 2018, kontinwazzjoni tax-xiehda tar-rikorrenti, Maria Galea, pagna 3 tat-traskrizzjoni.
[16] Dok. ‘JS1’, Lista tal-impjegati tas-socejta` 2R’s Ltd, ipprezentata mill-ufficjal tal-Jobs Plus, Joseph Saliba fis-seduta tal-11 ta’ Dicembru 2018.
[17] Affidavit ta’ Dottor Luigi A. Sansone, Dok. ‘LAS’, ipprezentat fis-seduta tal-11 ta’ Dicembru 2018.

Zammit, li jkunu ppreparati mill-*accountant* ta' Raymond Zammit. Dan ix-xhud xehed li hu kien l-awditur ta' Raymond Zammit mill-2010 sa 2014. Ix-xhud sostna li kien jiehu hsieb hames kumpaniji li kienu ta' Raymond Zammit. Dan ix-xhud wara li baqa' jsostni li r-rikorrenti qatt ma kien raha qabel, u li kien qieghed jaraha ghall-ewwel darba dakinhar li kien qieghed jixhed, ftakar li kien ra lir-rikorrenti meta kienet marret darba l-ufficcju tieghu, pero` kien jafha bhala Maria Kiss[18].

Ix-xhud sostna li sakemm kien awditur hu s-sistema tal-*accounts* qatt ma kienet ittrangat, u dan ghax l-*accountants* dejjem kienu jinbidlu. Ix-xhud qal li jiftakar li Raymond Zammit kien dahhal *accountant* iehor, li kien jismu Samuel Camilleri. Ix-xhud sahaq li l-kotba tal-kumpaniji ta' Raymond Zammit dejjem hziena kienu u kien jipprova jirranga hu. Dan ix-xhud qal ukoll li jekk ir-rikorrenti kienet ippruvat li tirranga l-*accounts* kellha bicca xoghol iebsa. Ix-xhud kompla jixhed fejn qal li hu xorta kien jirranga x-xoghol li kienet tlesti r-rikorrenti u dan ghax hi ma kinitx taf il-ligijiet ta' Malta.

Ix-xhud ghad-domanda jekk qattx kellux ilmenti dwar ir-rikorrenti wiegeb li fuq l-*accountants* ma kienx ikollu lmenti, kien difficli li jkollu lment, aktar kien ikollu fuq id-diretturi, u dan peress li l-a*ccountant* irid jahdem b'dak li jaghtuh id-diretturi[19].

Fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2019 xehed in kontro-ezami, Dr. Robert Zammit, u wiegeb ghad-domandi tal-konsulent legali tar-rikorrenti, Dottoressa Leontine Calleja. Ix-xhud ikkonferma li hu kien direttur fis-socejta` ntimata 2RS Ltd u kkonferma ukoll li r-rikorrenti kienet bdiet bhala *self-employed* maghhom u wara kienet giet impjegata maghhom.

Bhala mpjegta ta' 2RS Ltd ix-xhud qal li r-rikorrenti kienet damet sitt xhur impjegata maghhom. Ix-xhud sostna li l-ufficcini taghhom huma *open plan* u r-rikorrenti kienet tahdem minn hemm. Bhala sistema tal-*filing*, ix-xhud sahaq li kellhom sistema tal-*filing* bhal ma ghad hemm sal-lum, fejn hemm kamra apposta ghalhekk.

---

[18] Seduta tal-11 ta' Dicembru 2018, xiehda ta' Christopher Spiteri, pagna 6 tat-traskrizzjoni.
[19] Ibid, pagna 8 tat-traskrizzjoni.

Ix-xhud sostna li kienu poggew lir-rikorrenti go ufficcju iehor ghax il-haddiema l-ohra kellhom problema biex jahdmu mar-rikorrenti. Dawn kien bejn erba' u hames impjegati taghhom. Dwar it-terminazzjoni tar-rikorrenti, dan ix-xhud wiegeb li kienet hi stess li mliet din il-formula. Dan jinstema b'mod car fir-*recording*, sostna Dr. Robert Zammit. Ix-xhud ikkonferma li kien hu li kien iffirma din il-formula, pero` ma kienx ivverfika x'kien hemm imnizzel fiha. Ix-xhud baqa' jsostni li hu kien jafda lill-impjegati tieghu u li, in oltre, ma kienx se jaghmel xi haga li tkun ta' detriment ghar-rikorrenti biex issib impjieg iehor[20].

Ix-xhud sahaq li kien hemm ftehim bejn kulhadd, u cioe` li hu kien se jhallas lir-rikorrenti dak li talbet. Ghad-domanda li dan il-hlas ma kienx sar, izda kien sar biss meta r-rikorrenti kienet baghtet ittra. Ix-xhud ikkonferma wkoll li wara li r-rikorrenti kienet spiccat mill-impjieg taghha kien gie mpjegat *accountant* iehor.

Ix-xhud sostna li kien tqabbad certu Clint Camilleri sabiex jirranga l-izbalji li kienet ghamlet ir-rikorrenti u wara kien gie mpjegat Samuel Camilleri. Ix-xhud sostna li kien awditur, u l-kumpanija kienet qabditu bhala konsulent.

Ix-xhud wiegeb fl-affermattiv li dan Samuel Camilleri ukoll ma kienx dam fl-impjieg tieghu, izda dan kien minhabba l-fatt li riedu jippreparaw CFO. Ix-xhud ghad-domanda ghaliex kienu zammew lir-rikorrenti bhala *self-employed* ghal kwazi sena, u dan meta ma kienux sabuha tajba, u li sussegwentment kienet giet impjegata miz-zewg socjetatjiet ntimati, ghal din id-domanda dan ix-xhud wiegeb li r-rikorrenti kienet se tirranga, u ma tibqax kif kienet.

Dwar ir-*recording* ix-xhud wiegeb li c-*cameras* minn dejjem hemm kienu. Ix-xhud qal li peress li issa kien ghadda z-zmien ma kienx f'posizzjoni li jipprezenta l-filmat shih vizwali u *audio*. Ix-xhud qal li bhala kopja ghandu biss l-audio (*recording)* ta' dik il-laqgha. Ix-xhud baqa' jinnega u jichad li hu kien ha dan ir-*recording* minghajr il-kunsens tar-rikorrenti u li kien sar mill-*mobile phone* tieghu.

---

[20] Seduta tat-12 ta' Marzu 2019, xiehda in kontro-ezami ta' Dr. Robert Zammit, pagna 6 tat-traskrizzjoni.

Ix-xhud baqa' jishaq li dawn il-*cameras* li hemm fl-ufficcini taghhom huma vizibbli u li jista' jarahom kulhadd. Ix-xhud dwar il-fatt li bosta mill-impjegati ma kienux idumu jahdmu maghhom sostna li dawn jew ghax kienu marru jahdmu x'imkien iehor jew ma kienux tajbin f'xogholhom, jew irrizenjaw minn jeddhom. Dwar Clint Camilleri x-xhud qal li dan kien dahal minflok ir-rikorrenti biex jirranga l-problemi li kienet halliet, u li x-xhud iddeskrivieh bhala "*sort of input clerk*"[21].

Dwar il-kuntratt ta' mpjieg tar-rikorrenti, x-xhud sahaq li dan kien fil-*file* izda li ma kienx instab meta kienet telqet. Dwar il-gurnata tat-terminazzjoni tar-rikorrenti, x-xhud wiegeb fl-affermattiv ghad-domanda jekk kienx qal lir-rikorrenti li ma kienx hemm bzonn aktar tas-servizzi taghha.

Dwar il-kumpaniji Malaga Enterprises Ltd u 2RS Ltd, ix-xhud qal li r-rikorrenti meta kienet bdiet maghhom ma jistax ikun li marret tlett snin b'lura biex iggib l-*accounts* in regola, u dan peress li 2RS Ltd kienet infethet fl-2013. Ix-xhud ghad-domanda jekk kinitx idea tar-rikorrenti sabiex hi tkun impjegata maz-zewg socjeatijiet intimati, u dan ghal skopijiet ta' taxxa, x-xhud wiegeb li jimmagina li kienet hi. Ix-xhud qal li minn mitt haga ghamlet hames affarijiet tajbin. Dwar il-fatt li r-rikorrenti kien ikollha appuntamenti barra l-ufficcju mall-awdituri, x-xhud qal li probabbli li kien ikollha dawn l-appuntamenti.

Dwar is-salarju tar-rikorrenti, x-xhud sostna li kellhom izidu s-salarju tar-rikorrenti minn €1200 ghal €1500 fix-xahar ghax gew irrikattati mir-rikorrenti li titlaq, u li f'dak il-perjodu kellhom bzonnha. Ix-xhud qal li meta r-rikorrenti kienet applikat ghal-*leave* din ma kinitx qalet meta kienet se tigi lura. Izda fuq domanda tal-konsulent legali tar-rikorrenti li din kienet applikat ghal certu granet specifici, x-xhud wiegeb li jista' jkun li kienet ghamlet hekk. Ix-xhud sostna li kien jaf li l-ghada r-rikorrenti kienet se ssiefer ir-Rumanija biex tara l-bintha.

[21] Seduta tat-12 ta' Marzu 2019, xiehda in kontro-ezami ta' Dr. Robert Zammit, pagna 19 tat-traskrizzjoni.

Ix-xhud meta gie ppressat bid-domandi tal-konsulent legali tar-rikorrenti li kien hu li qal lir-rikorrenti biex tippakkja l-affarijiet taghha u titlaq, wiegeb fl-affermattiv. Dwar il-kuntratt tar-rikorrenti x-xhud qal li din kellha wiehed u li ma jiffisirx ghax ir-rikorrenti kienet qalet li ma kienx imnizzel l-*allowance* tal-karozza taghha ma kellhiex kuntratt ta' mpjieg[22].

Ix-xhud u l-konsulent legali tar-rikorrenti ma qablux dwar il-fatt jekk ir-rikorrenti kellhiex kuntratt ta' mpjieg jew le. In oltre, dwar il-fatt li hadd mill-haddiema ma tharrku sabiex jaghtu x-xiehda taghhom dwar l-imgieba tar-rikorrenti, jew li jikkonfermaw dak li kien intqal dwar ir-rikorrenti, x-xhud qal li dan kien xoghol l-avukat.

Dwar ic-certifikati tal-mard, ix-xhud qal li r-rikorrenti kull ma pprezentat kien certifikat wiehed biss, mentri hu kien ipprezenta dokumenti li jindikaw li ma kinitx marret ghax-xoghol ghax kienet marida bla ma pprezentat certifikati tal-mard. Ix-xhud baqa' jsostni li hu ma kienx jaqbel li r-rikorrenti kienet bdiet tirranga s-sistema taghhom tal-*accounts* u li kienet dahlet is-sistema ta' *SAGE*.

Dwar il-problema ta' komunikazzjoni ma' missieru, dan ix-xhud irrileva li r-rikorrenti kellha problema biex titkellem bl-Ingliz u missieru ma kienx jifhem sew bl-Ingliz, u ghalhekk kien hemm din il-problema. Mill-banda l-ohra x-xhud sostna li kienu ssaportew lir-rikorrenti fi zmien li kienet *self-employed* peress li ma kien hemm hadd aktar li seta' jaghmel ix-xoghol tal-*accounts*. Ix-xhud wiegeb li ghad-durata li r-rikorrenti damet *self-employed*, u cioe` ghal madwar tlett xhur jew erba' xhur, ma kienx hemm problema ta' komunikazzjoni, u dan ghax huma kienux ikunu hafna l-ufficcju. Il-problema dehret meta huma kienu jqattghu hafna hin fl-ufficcju[23].

Ghar-rigward tal-fatt il-ghaliex is-socjeta` 2RS Ltd, ghall-bidu, ma kellhiex bzonn *accountant*, ix-xhud wiegeb li dan kien peress li din is-socjeta` ma kienx ilha li twaqqfet. Ir-rikorrenti kienet bdiet *self-employed* ftit wara u ghall-bidu x-xoghol tal-*accounts* ghal 2RS Ltd kien isir b'mod primittiv. Fir-

---

[22] ibid, pagna 30 tat-traskrizzjoni.

[23] Seduta tat-12 ta' Marzu 2019, xiehda in kontro-ezami ta' Dr. Robert Zammit, pagna 36 tat-traskrizzjoni.

rigward ta' Malaga Enterprises Ltd kien hemm xi hadd iehor li kien jiehu hsieb dan ix-xoghol.

Jekk ir-rikorrenti kinitx taghti suggermenti tajba bhala kaz tal-*allowance* tal-karozza li kienet inizjattiva tajba ghall-efficjenza tat-taxxa, x-xhud qabel li dan kien suggeriment tar-rikorrenti. Ix-xhud sostna li ma kienx jaf kemm-il impjegat kienet irregistrat ir-rikorrenti matul il-perjodu li damet fl-impjieg maghhom. L-istess dwar l-allegati rwejjah li kien ikollha r-rikorrenti, x-xhud ma kienx cert dwar dan il-fatt[24].

Fis-seduta tas-16 ta' Lulju 2019 xehed in kontro-ezami, s-sur Raymond Zammit, li wiegeb ghad-domandi tal-konsulent legali tar-rikorrenti, Dr. Leontine Calleja. Dan ix-xhud beda biex qal li kien ma kienx jiftakar ezatt meta r-rikorrenti kienet *self-employed*, u li dan kien gia spjegah fl-affidavit tieghu. In oltre, hu sostna li dan l-affidavit kien kitbu l-avukat jew in-nutar, u hu kemm halfu u ffirmah.

Dwar il-ftehim fiz-zieda fil-paga dan ix-xhud qal li qatt ma kien hemm ftehim fuq hekk, u cioe` li minn €1200 fix-xhar tizdied ghal €1500 mensili. Ix-xhud sostna li r-rikorrenti kienet dejjem tghid li se ggib l-ircevuti izda qatt ma kienet gabitomlhom.

Dwar il-kuntratt ta' mpjieg dan ix-xhud qal li, sa fejn jaf hu, r-rikorrenti kellha wiehed, u li ma kinitx irregistrata ma' zewg kumpaniji. Ir-rikorrenti kienet taghmel xoghol ghal zewg kumpaniji izda registrata ma' wahda biss, u skond dan ix-xhud kienet is-socjeta` Malaga Enterprises Ltd. Kienet din il-kumpanija li kienet thallas lir-rikorrenti, sostna dan ix-xhud[25].

Meta x-xhud ingibditlu l-attenzjoni mill-konsulent legali tar-rikorrenti li fl-affidavit tieghu kien qal bil-gurament li r-rikorrenti kienet impjegata ma' zewg kumpaniji, ossia Malaga Enterprises Ltd u 2RS Ltd, hu rribatta billi qal li r-rikorrenti kienet taghmel xoghol ghal 2RS ukoll, izda kienet mpjegata minn Malaga Enterprises Ltd biss.

---

[24] Ibid, pagna 39 tat-traskrizzjoni.

[25] Seduta tas-16 ta' Lulju 2019, xhieda in kontro-ezami ta' Raymond Zammit, pagna 3 tat-traskrizzjoni.

Ix-xhud sahaq ukoll li dan il-kuntratt ma kienx instab u allega li kienet haditu maghha r-rikorrenti meta telqet. Ix-xhud sostna wkoll li kien ibnu li keccieha u mhux hu. Ix-xhud qal li kien f'kamra ohra u kien ra lir-rikorrenti tilletika ma' ibnu. Ix-xhud qal li r-rikorrenti kienet issuppervjat u telqet il-barra. Ix-xhud sostna li r-rikorrenti kienet taf li se titkecca u dan peress li kienu tawha diversi twissijiet bil-fomm.

Ghad-domanda dwar iz-zieda fil-paga, u cioe`, meta r-rikorrenti kienet ghadha *self-employed*, ix-xhud rega' sostna li ma kienx jiftakar. Ix-xhud sostna li kienu qabdu awditur sabiex idur dak li kienet halliet ir-rikorrenti, li minn dejjem kellhom sistema ta' SAGE. Ix-xhud sahaq li r-rikorrenti harbtitilhom is-sistema u mhux irrangat is-sistema[26].

Dwar l-imgieba tar-rikorrenti dan ix-xhud sahaq li din kienet tissuppervja mill-ewwel kif tkellimha, u li keccewha minhabba f'hekk. Hadd mill-impjegati ma kien ried li jahdem maghha u li kienet titlaq x'hin trid u taghmel li trid. Dan ix-xhud baqa' jinsisti li huma kienu zbaljaw li qatt ma tawha twissija bil-miktub meta kienet tasal tard ghax-xoghol, u dan mhux ghax ikun xi hadd li ma jkunx fetah l-ufficcju, izda ghax tkun waslet tard ir-rikorrenti. Dwar l-igene taghha dan ix-xhud rega' tenna li kienu poggew lir-rikorrenti f'kamra wahedha peress li hadd ma kien ried joqghod hdejha minhabba l-intiena li kien ikollha.

Ix-xhud sahaq illi kienu kostretti jissaportuha peress li ma kienx facli li terga' ssib *accountant* iehor. Kienu ghalhekk li kienu zammewha fl-impjieg *full-time*. Ix-xhud dwar il-kwalifiki tar-rikorrenti baqa' jishaq li qatt ma kienet ipprezentat ic-certifikati tal-kwalifiki taghha, u dan ghalkemm huma kienu mpjegawha xorta wahda.

Ix-xhud spjega li huma kienu ndunaw bl-izbalji tar-rikorrenti xi sena jew sena u nofs wara, u cioe` meta kien jaghmel il-verifiki l-awditur taghhom. Kienu gabu persuna sabiex iqabbel l-ircevuti u jirranga s-sistema. Ix-xhud sostna li dan kien qieghed jghidu minn dak li kien jaf x'gara, ghax hu ma kien jaf xejn fuq kif jahdmu l-*accounts*.

---

[26] Seduta tas-16 ta' Lulju 2019, xhieda in kontro-ezami ta' Raymond Zammit, pagna 7 tat-traskrizzjoni.

Ix-xhud dwar il-fatt li r-rikorrenti kienet bdiet *self-employed* f'Awwissu 2014, qal li din la kienet *self-employed* kienet hi li kellha tirregistra mall-Jobs Plus, u mhux huma. Ix-xhud ikkonferma li fi Frar 2015 kienet giet impjegata *full-time*. Ix-xhud kompla jsostni li kienu mpjegawha ghax ma kellhomx "*option ohra*"[27].

Ix-xhud sahaq li issa kienu hadu taghlima u kienu qeghdin jimpjegaw lill-impjegati bil-kuntratt. Ix-xhud, Raymond Zammit, qal li ir-rikorrenti kienet taf x'kien sar mill-kuntratt tal-impjieg taghha. Ix-xhud sostna li tant kellha kuntratt ir-rikorrenti li kienu hallsuha bin-*notice* b'kollox.

Ix-xhud sahaq li llum kellu skrivana li kienet qieghda taghmel xoghol ahjar milli kienet taghmel ir-rikorrenti. Ix-xhud ghad-domanda min kienu l-impjegati li kienu jilmentaw minhabba l-irwejjah tar-rikorrenti, x-xhud wiegeb li bl-amment ma kienx jaf min huma. Kull ma kien ftakar, u dan wara hafna nsistenza mill-konsulent legali tar-rikorrenti, kienet certa wahda jisimiha Loredana. Ix-xhud ghad-domanda ghaliex din kinitx tharrket biex tixhed, wiegeb li kieku qalulu kien ittella' lil din il-persuna sabiex tixhed.

Dwar il-fatt li r-rikorrenti ma kinitx titkellem bl-Ingliz sew u l-ghaliex zammha tahdem maghhom, ix-xhud sahaq li hu ftit kien jaf bl-Ingliz, izda hi kienet taf anqas minnu bl-Ingliz. Ix-xhud sostna li hu ftit kien ikollu konnessjoni mar-rikorrenti. Il-ftit li kien ikellimha lir-rikorrenti din kienet tinnervja, tissuppervja u titlaq il-barra[28].

Ix-xhud ghad-domanda ghalfejn kienu keccew lir-rikorrenti f'Settembru meta kienet se tohrog bil-*leave* biex tmur izur lil bintha r-Rumanija, x-xhud wiegeb li kien inqala' argument maghha u ghalhekk kienu keccew lir-rikorrenti. Ix-xhud spejga li kienu ltaqghu hu u ibnu, Dr. Robert Zammit, ghamlu *Board Meeting* u kienu ddecidew li jkeccuha ghax ma setghux jissaportu aktar l-attitudni tar-rikorrenti[29].

[27] Ibid, pagna 13, tat-traskrizzjoni.
[28] Seduta tas-16 ta' Lulju 2019, xhieda in kontro-ezami ta' Raymond Zammit, pagna 19 tat-traskrizzjoni.
[29] Ibid, pagna 21 tat-traskrizzjoni.

Ix-xhud qal li r-rikorrenti kienet tkecciet waqt li kien qam dan l-argument matul din il-laqgha li kellhom mar-rikorrenti, u mhux kien itterminalha l-impjieg ibnu qabel dahlu ghal din il-laqgha fejn ir-rikorrenti kienet bdiet tissuppervja waqt dan il-*Board Meeting* u ghalhekk ibnu kien keccieha. Ix-xhud qal li wkoll li hu qatt ma kien mar mall-*accountant* mar-rikorrenti, jekk kien mar kien ibnu.

Il-konsulent legali tar-rikorrenti ghalqet il-kontro-ezami ta' Raymond Zammit b'domanda dwar jekk kienx hemm il-*cameras* fil-perjodu li r-rikorrenti kienet tahdem maghhom. Ix-xhud wiegeb li f'dak il-perjodu ma jahsibx li kellhom *cameras*, izda llum hemm il-*cameras*[30].

Ir-rikorrenti, Maria Galea xehdet in kontro-ezami, fis-seduta tat-3 ta' Dicembru 2019, fejn wiegbet ghad-domandi tal-konsulent legali tas-socjetajiet intimati, Dottor Andrew Borg Cardona. Dwar il-fatt li kienet tkun tard ghax-xoghol, ir-rikorrenti wiegbet li kienet darbtejn jew tlieta matul il-perjodu li hi damet impjegata mall-intimati. Ir-rikorrenti tghid li kienet cemplet u qaltilhom li kienet imwahhla fit-traffiku. Ix-xhud tghid li jekk wiehed jara l-*punch cards* jinduna li hi kienet tahdem aktar mill-gurnata normali ta' xoghol.

Dwar il-problema ta' attegjament ostili u aggressiv taghha mall-kollegi tax-xoghol, ir-rikorrenti sostniet li dan ma kienx minnu, izda kienet gidba. Ix-xhud tirrileva li hi mall-kollegi hi ma tantx kien ikollha kuntatt, kienet biss tkellimhom meta kienet tghinhom f'xi bicca xoghol. L-argument li kellha tghid ir-rikorrenti kien fid-29 ta' Dicembru 2014 dwar iz-zieda fil-paga. Dan kien fil-perjodu tal-prova[31].

Dwar l-igene, u cioe` dwar dak li allegaw Dr. Robert Zammit u missieru, Raymond Zammit, ir-rikorrenti ssostni li din kienet gidba ohra mill-bidu sal-ahhar, u li riedu jsibu raguni l-ghaliex ma nghatatx in-nota ta' terminazzjoni minnhom. Dwar iz-zjara li r-rikorrenti kienet se taghmel fir-

---

[30] Ibid, pagna 24 tat-traskrizzjoni.
[31] Seduta tat-3 ta' Dicembru 2019, xhieda in kontro-ezami tar-rikorrenti, Maria Galea, pagna 3 tat-traskrizzjoni.

Rumanija, l-istess rikorrenti cahdet li ma kellhiex biljett ta' ritorn, u dan kif allegaw l-intimati.

Dwar dak li tinstema tghid fuq ir-*recording*, u cioe` li kienet qieghda taccetta t-terminazzjoni taghha, r-rikorrenti tghid li kienet ixxukkjata (*shocked*) u li ma kinitx qieghda tistennieha[32].

Ir-rikorrenti tishaq li kemm Dr. Robert Zammit u missieru, Raymond Zammit kienu jafu li kellha l-*leave* bbukkjat biex tmur ir-Rumanija hdejn bintha li kienet se twelled tarbija. In oltre, r-raguni li tawha kienet li Raymond Zammit ma kienx jaf bl-Ingliz u li lanqas kien jaf jikteb bl-Ingliz.

Ix-xhud tghid li din kienet ir-raguni li nghatat minghand Dr. Robert Zammit, izda ssostni li huma kienu riedu jehilsu minnha ghax hi kienet indunat li kienu qeghdin jittrasferixxu xi flejjes barra minn Malta[33].

Ix-xhud tghid li hi qatt ma kellha l-argumenti maghhom li semmew fl-affidavit taghhom, u li l-affidavit ta' Raymond Zammit hu "*copy paste*" tat-tifel tieghu, Dr. Robert Zammit, fejn it-tnejn jghidu li hi mir-Russja, meta dan mhux minnu. Ix-xhud tibqa' ssostni li l-unika argument li hi kellha ma' Raymond Zammit u ibnu, Dr. Robert Zammit, kien dwar iz-zieda fil-paga taghha.

In ri-ezami, r-rikorrenti tghid li dan l-argument kien meta hi kienet ghadha *self-employed*, u li dan l-argument kien dwar iz-zieda fil-paga ghal meta kienet se tigi mpejgata. Ix-xhud tghid li din iz-zieda kellha tehodha f'Novembru 2014, u cioe` xahrejn wara li bdiet *self-employed*. Dan kien il-ftehim li kien sar mall-intimati. Kien wara dan l-argument ta' Dicembru li kienu accettaw li tizdied.

Dwar il-*cameras* fl-ufficcini tal-intimati, r-rikorrenti tghid li ma kienx hemm *cameras*, kien hemm biss *intercom*. Il-*cameras* kienu barra l-ufficcji u fit-terrazzin, fl-ufficcju minn gewwa ma kienx hemm *cameras*. Lanqas ma

[32] ibid, pagna 5 tat-traskrizzjoni.
[33] ibid, pagna 6 tat-tarskrizzjoni.

kien hemm sinjali li kienu jindikaw li kien hemm xi *cameras*, kompliet tispjega r-rikorrenti[34].

Dwar il-mod kif setghet giet irreokdjata, r-rikorrenti tghid li dan x'aktarx sar permezz tat-telephone cellulari ta' Dr. Robert Zammit, u dan ghax meta kien qieghed ikellimha kellu t-telephone cellulari f'idu. Ir-rikorrenti baqghet issostni li dak li qalu dwarha l-intimati kien kollu gideb.

**Trattazzjoni Finali**

It-trattazzjoni finali ta' din il-kwistjoni ta' xoghol saret fis-seduta tat-18 ta' Frar 2020, liema trattazzjoni saret b'mod orali miz-zewg rapprezentanti legali tal-partijiet. Il-konsulent legali tas-socejtatijiet intimati, Dottor Andrew Borg Cardona beda biex irrimarka li bhala punt dwar min hu l-legittimu kuntradittur ma kienx se jaghmel differenza.

Dwar il-mertu, l-avukat Borg Cardona ssottometta li kien jidher car li r-rikorrenti kienet gia ddecidiet li titlaq. Kienet x'kienet ir-raguni sostna, d-difensur tal-intimati, ir-rikorrenti kienet se titlaq mill-impjieg taghha. Ir-rikorrenti kienet se tmur ir-Rumanija u li ma kellhiex biljett ta' ritorn u dan kien indizzju cirkostanzjali li r-rikorrenti kienet se titlaq.

Fit-trattazzjoni ssir referenza ghall-fatt li r-rikorrenti in kontro-ezami tipponta dejjem subghajja lejn id-diretturi li kien kollu t-tort taghhom, bhal kaz tal-istrutturi ta' kumpaniji esteri li ma kienux joghgbu lilha[35].

Ir-rikorrenti, ssottometta l-konsulent legali tal-intimati, kellha problema interpersonali u li ma kinitx tmur tajjeb mall-kollegi taghha, kienet dejjem targumenta ma' kulhadd, dan ukoll deher mill-mod kif irrispondiet id-domandi matul il-kontro-ezami. Ir-rikorrenti ma kinitx tammetti li hi wkoll kellha d-difetti taghha. Ghalhekk, ghalaq it-trattazzjoni tieghu Dottor Borg Cardona, d-diretturi tas-socjetajiet intimati ma kellhom l-ebda triq ohra hlief li jitterminaw l-impjieg tar-rikorrenti[36].

---

[34] ibid, pagna 9 tat-traskrizzjoni.
[35] Trattazzjoni finali ta' Dottor Andrew Borg Cardona ghas-socjetatijiet ntimati, seduta tat-18 ta' Frar 2020, pagna 2 tat-traskrizzjoni.
[36] ibid, pagna 3 tat-traskrizzjoni.

Mill-banda l-ohra d-difensur tar-rikorrenti, Dottoressa Leontine Calleja, bdiet it-trattazzjoni taghha fejn irrimarkat li t-tkeccija tar-rikorrenti kienet saret b'mod ingust, fejn id-diretturi riedu jaghtu l-impressjoni li r-rikorrenti kienet xi persuna mahmuga, mhux efficcjenti, u hafna affarijiet ohra. Il-konsulent legali tar-rikorrenti tissottometti li r-rikorrenti kienet ghamlet perjodu bhala *self-employed* mall-intimati, u ftit xhur wara giet impjegata fuq bazi *full-time*. Kienet l-istess rikorrenti li kienet issuggeriet li tkun impjegata maz-zewg socjetatijiet intimati u dan sar ai fini ta' taxxa, u li kienet tista' ssir, u ghalhekk legittima.

Ir-rikorrenti kienet gabet in regola l-impjegati li kellhom l-intimati mall-awtorijitajiet, ossia mall-*Jobs Plus*. Gie sottomess li r-rikorrenti, u dan irrizulta mill-provi mressqa, li l-intimati kienu kuntenti biha u kienu ziedulha l-paga, u dan meta r-rikorrenti kienet se titlaq mix-xoghol. In oltre, ghal dak li d-diretturi ppruvaw jaghtu l-impressjoni li kienu saru hafna lmenti dwar l-igene tar-rikorrenti u ghax kienet tirrabja u tahtaf lill-kollegi taghha, l-konsulenta legali tar-rikorrenti ssottomettiet, li ma kien ingieb hadd sabiex jixhed dwar dan kollu. Dan kien biss *detto del detto*, sostniet id-difensur tar-rikorrenti[37].

In oltre, Dottoressa Calleja tirrimarka kemm kien skomdu Dr. Robert Zammit waqt il-kontro-ezami u kemm ipprova li jevita li jwiegeb id-domandi li bdew isirulu. Dwar il-mod kif l-intimati itterminaw lir-rikorrenti jidher car li dan kien sar bl-iskuza li ma kinitx gejja lura mir-Rumanija. Dan ukoll kien kontradett mill-affidavit ta' Dottor Luigi Salamone li fl-imsemmi affidavit tieghu rrileva li r-rikorrenti kienet tahdem mieghu. Dan jindika kemm ir-rikorrenti kellha l-intenzjoni li wara li tmur fejn bintha r-Rumanija, li kien ghadha kif welldet, tirritorna Malta[38].

It-tkeccija tar-rikorrenti kienet fl-erbgha ta' wara nofsinhar, u cioe` l-hin li tispicca mix-xoghol. Fl-gheluq tat-trattazzjoni taghha, l-konsulenta legali tar-rikorrenti, rrimarkat li l-intimati qaghdu l-hin kollu mar-rikorrenti,

---

[37] Trattazzjoni finali ta' Dottoressa Leontine Calleja ghar-rikorrenti, seduta tat-18 ta' Frar 2020, pagna 3 tat-traskrizzjoni.
[38] Ibid, pagna 4 tat-traskrizzjoni.

sakemm din hadet l-oggetti personali taghha u ghalhekk ma jistax ikun li din hadet xi dokumenti maghha, kif allegaw l-istess intimati.

**Konsiderazzjoniet tat-Tribunal Industrijali**

Illi din il-kwistjoni ta' xoghol tikkoncerna sitwazzjoni fejn ir-rikorrenti, Maria Galea kienet bdiet bhala *self-employed* mall-intimati. Sussegwentement giet impjegata minn Malaga Enterprises Ltd mill-1 ta' Frar 2015, u rregistrata fil-25 ta' Frar 2015, bid-data ta' terminazzjoni tkun tat-23 ta' Settembru 2015, u dan kif jirrizulta mil-lista ta' mpjegati ta' Malaga Enterprises Ltd, Dok. 'DX', ipprezentata fis-seduta tal-5 ta' Gunju 2018 mill-ufficjal ta' Jobs Plus, Diane Xuereb. Ir-rikorrenti kienet ukoll impjegata mas-socjeta` ntimata l-ohra, 2RS Ltd, mill-ewwel (1) ta' Marzu 2015 sal-4 ta' Settembru 2015, u dan skont Dok 'JS1', ossia l-lista tal-impjegati tas-socjeta 2RS Ltd, ipprezentata mill-ufficjal ta' Job Plus, Joseph Saliba fis-seduta tal-11 ta' Dicembru 2018.

It-Tribunal se jistrieh fuq dawn iz-zewg dokumenti li gew ipprezentati mill-ufficcjali ta' Jobs Plus fis-seduti msemmija, u ghalhekk dawn huma l-perjodi li r-rikorrenti kienet impjegata maz-zewg intimati. Ghalhekk il-perjodu ta' prova ta sitt xhur kien ghadda.

Illi dwar dan il-perjodu ta' prova (*probation period*), l-ligi nostrana permezz ta' Kap 452 tindika dawk l-istanti f'artikolu 36 (1) tal-imsemmi Kap, fejn hemm stipulat is-segwenti:-

> **36.** (1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (16), l-ewwel sitt xhur ta' kull impieg taħt kuntratt ta' servizz ikun impieg bi prova, sakemm żmien iqsar ta' impieg bi prova ma jiġix miftiehem bejn iż-żewġ partijiet:

In oltre, l-proviso tal-istess artikolu jistipula li: -

> Iżda fil-każ ta' kuntratt ta' servizz, jew ta' ftehim kollettiv, dwar impjegati li jkollhom karigi tekniċi, eżekuttivi, amministrattivi jew ta' direzzjoni u li l-pagi tagħhom ikunu

> għallinqas id-doppju tal-paga minima stabbilita f'dik is-sena, dak iż-żmien ta' prova jkun ta' sena sakemm ma jiġix speċifikat mod ieħor fil-kuntratt ta' servizz jew fil-ftehim kollettiv.

Illi l-ligi Maltija ghal dak li jikkoncerna perjodu ta' prova, permezz ta' dan l-artikolu titkellem bl-aktar mod car dwar il-perjodu ta' prova, liema perjodu huwa dak ta' sitt xhur. Ghalhekk sakemm il-kariga ma tkunx wahda minn dawk stipulati fil-proviso tal-istess artikolu (36 (1)) kull perjodu iehor huwa meqjus li jmur kontra dan l-artikolu.

In oltre, mill-kazistika u nsenjamenti kemm lokali u kemm esteri dwar din il-materja in dezamina, jirrizulta li l-principal ghandu kull dritt li jittermina mpieg ta' persuna entro l-perjodu ta' sitt xhur minghjar ma jaghti ebda raguni. Illi fi-decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Appell datata 26 ta' Gunju 2012, fl-simijiet Charlene Vella vs Banif Bank (Malta) plc gie ritenut li:-

> Illi din il-Qorti thoss li l-kliem tal-istess kuntratt datat 5 ta' Mejju 2009 (Dok. "A") huma cari u lanqas hemm bzonn ta' ebda interpretazzjoni ghaliex iffissru dak li effettivament qed jghidu (**"George Portanier nomine vs Charles Bezzina et"** P.A. (PS) – 3 ta' Ottubru 2003); **"Suzanne Xuereb vs Gilbert Terreni"** (P.A. (RCP) – 12 ta' Lulju 2001); **"Anton Spiteri vs Alfred Borg"** (P.A. (RCP) – 30 ta' Novembru 2000); **"Emanuel Schembri vs Leonard Ellul"** (P.A. (RCP) – 30 ta' Ottubru 2001); **"Stanislao Cassar et vs Chev. Antonio Cassar"** (A.C. – 15 ta' Dicembru 1995) u cjoe' li l-impjieg tal-appellata mas-socjeta' appellanti kien pattwit li jibda mill-11 ta' Mejju 2009, u allura l-perjodu ta' *probation* skond l-istess ftehim li huwa ta' sitt xhur kellu jibda' jigi kkalkolat proprju mid-data tal-ewwel gurnata tal-impjieg tal-appellata mal-Bank appellant u ghalhekk la darba t-

terminazzjoni ta' impieg taghha sar fl-10 ta' Mejju 2009, mela allura dan sar fil-perjodu ta' prova taghha, kif fil-fatt iddecieda t-Tribunal, ghalhekk ma kienx hemm bzonn la pattwalment u lanqas legalment li tinghata raguni ghal tali terminazzjoni (**"Christine Bonnici vs Is-Socjeta' Civili BDO Attard Buttigieg Psaila & Co et"** (T.I. 8 ta' April 2011); **"Carmel Farrugia vs Alexandra Palace Hotel Ltd"** (P.A. (GCD) – 7 ta' Lulju 2003); **"Robert Desira Buttigieg vs Bay Street Holdings Limited"** (P.A. (JRM) – 12 ta' Gunju 2003) u b'hekk dan l-appell incidentali qed jigi michud[39].

Illi minn din id-decizjoni jidher manifestament car li fil-perjodu ta' prova, l-principal ghandu kull dritt li jittermina l-impieg ta' mpjegat u dan minghajr ma tinghata l-ebda raguni ghal dik it-terminazzjoni. Ghalhekk dan kollu ma japplikax ghal din il-kwistjoni ta' xoghol ghax kif irrizulta mill-provi mressqa dan il-perjodu kien skada, u ghalhekk din ir-raguni hija ssorvolata. Dan it-Tribunal qieghed jaghmel din l-osservazzjoni fuq dawn l-istanti sabiex ma jkun hemm ebda ekwivoki dwarha.

Illi ghalhekk dan it-Tribunal se jghaddi sabiex iqis dak li hareg mix-xhieda f'din il-kwistjoni ta' xoghol, b'analizi principali jkunu l-kontro-ezamijiet ta' Dr. Robert Zammit, u dak ta' missieru, Raymond Zammit.

Matul il-kontro-ezami tad-direttur, Dr. Robert Zammit, deher bl-aktar mod car l-istat ta' skomdita' li sab ruhu fih dan ix-xhud meta giet rinfaccjat bid-domandi tal-konsulenta legali tar-rikorrenti. Fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2019 fejn sar il-kontro-ezami ta' Dr. Zammit, dan ix-xhud beda jiskiva diversi domandi li sarulu specjalment meta mistoqsi dwar id-durata tal-impjieg ta' certi mpjegati ohra. L-aktar li dan ix-xhud deher skomdu kien meta mistoqsi dawar ir-raguni ta' terminazzjoni tar-rikorrenti.

[39] Qorti tal-Appell- Appell Civili Numru 21/2011 – Seduta 26 ta' Gunju 2012, Charlene Vella vs Banif Bank (Malta) plc, per Onor. Mhallef Raymond C. Pace.

Dan it-Tribunal jiehu in sintesi dak li hemm ritenut fid-decizjoni moghtija mill-Onorevooli Mhallef Dottor Aaron Bugeja, fid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali, tal-15 t'April 2021, fl-ismijiet Il-Pulizija vs Jefrin Grech, fejn f'din id-decizjoni ssir referenza ghal peri minn decizjoni ohra tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino) moghtija fl-1963, u li tittratta l-kredibbilta` ta' xhud.

> Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (demeanour) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination[40]".

Dan it-Tribunal osserva sew il-komportament ta' Dr. Robert Zammit matul il-kontro-ezami u nnota l-iskomdita' li hass l-istess Dr. Zammit meta mistoqsi d-domandi mill-konsulenta legali tar-rikorrenti. It-Tribunal ha dan kollu in konsiderazzjoni u ta piz ghal dak kollu li wiegeb Dr. Zammit.

Dan ix-xhud wiegeb li kienet ir-rikorrenti li kienet imliet it-terminazzjoni taghha u li dan sar ghax hu kien jafdaha, u wara kien hu stess li ffirma din il-formula ta' terminazzjoni. Ix-xhud hawn juri kemm mhux kredibbli f'dak li xehed. Dan it-Tribunal isibha difficli li jemmen li direttur ta' kumpanija li ghadu kif ittermina mpjegata mill-impjieg dak il-hin, u dan jaqbad u jiffirma minghajr ma jivverifika l-kontenut ta' dik it-terminazzjoni li tkun intmeliet mill-istess impjegata li tkecciet. *Multo magis* li din l-impjegata kienet ostili, u aggressiva fil-konfront taghhom, u dan kif allegaw l-istess Dr. Zammit u missieru, Raymond Zammit, u propju ghalhekk li dan it-Tribunal ma jikkunsidrax lil dan ix-xhud kredibbli.

In oltre, dan ix-xhud jaghmel referenza ghal *recording* li hu stess kien ha meta ddecidew li jitterminaw l-impjieg tar-rikorrenti. Dan ix-xhud jghid li

---

[40] Qorti tal-Appell Kriminali – 15 ta' April 2021, Il-Pulizija vs Jefrin Grech, per Onor. Mhallef Dottor Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit).

kien hemm *cameras* ta' sorveljanza, u mill-banda l-ohra meta xehed id-direttur l-iehor, Raymond Zammit, ossia missier l-istess Dr. Robert Zammit, fejn xehed li ma jahsibx li kellhom *cameras* dak iz-zmien.

Raymond Zammit fix-xiehda tieghu in kontro-ezami qal li kienu ltaqghu hu ibnu, Dr. Robert Zammit, u ddecidew li jkeccuha, *ab verbatim* mix-xiehda ta' Raymond Zammit irrizulta li ntqal is-segwenti, "*Ahna ltqajna jien u t-tifel f'Board Room. Tajjeb? U ghedna ma nistghux nibqghu sejrin hekk, iddeciedu u jekk tahseb li nkeccuha. Nkeccuha. Daqshekk. Imbaghad dahhalha fil-Board Room. Tajjeb? U fil-Board Meeting bdiet tissuppervja s-soltu u qabad u kecciha. ….*[41]"

Illi l-mod kif xehdu z-zewg diretturi taz-zewg socjetajiet intimati ma jhallu l-ebda dubju lil dan it-Tribunal li jasal ghall-konkluzjoni li ma ppruvawx il-kaz taghhom. Dawn iz-zewg xhieda xejn ma kienu kredibbli u dan jirrizulta bl-aktar mod car minn dak li huma stess xehdu fejn it-tnejn xehdu verzjonjiet differenti minn xulxin matul il-kontro-ezami taghhom.

Dwar dan it-tip ta' sitwazzjonijiet l-awtur Norman Selwyn jsostni s-segwenti: -

> 20.83 The standard of proof, ie the quantum of evidence which must be given in support of any particular allegation, must be sufficient to establish the balance of probabilities in that party's favour. The informality of tribunal procedure can sometimes mislead the parties into thinking that they can escape with a standard of proof which is in fact unacceptable. If the mployr, for example, fails to prove the reason or the principal reason for the dismissal (*Smith v Glasgow City District Council para 20.79*) or fails to show any reason or gives a reason which the tribunal does not believe, then he will have failed to discharge the burden of

[41] Seduta tat-16 ta' Lulju 2019, kontro ezami ta' Raymond Zammit, pagna 23 tat-traskrizzjoni.

> proof which is on him, and the dismissal will be unfair[42].

Illi ghalhekk dan it-Tribunal wara li analizza s-sostanza ta' dak li xehdu ta' dawn iz-zewg xhieda jasal ghall-konkulzjoni li ma humiex kredibbli. Minn dak li rrizulta jidher car li d-diretturi kienu skomdi bir-rikorrenti u dan ghaliex ir-rikorrenti kienet qieghda tigbdilhom l-attenzjoni ghal certi manuvri fiskali li r-rikorrenti ma kinitx thoss li kienu xierqa. It-Tribunal jikkundana ghal kollox il-mod kif Dr. Robert Zammit ipprova li jinganna lir-rikorrenti billi rrekordjaha u ried jaghti l-impressjoni li dan ir-*recording* kien ittiehed mill-*cameras* li kien hemm fl-ufficcini. Dan kollu gie skreditat mix-xhud l-iehor, ossia missier Dr. Zammit, Raymond Zammit, fejn xehed li f'dak il-perjodu ma kienx hemm *cameras.*

Dan it-Tribunal jaghmel referenza ghall-insenjamenti tal-awtur Norman Selwyn fejn jghid:-

> 20.87 Otherwise after considering all the facts, hearing the witnesses, and studying any evidence tenedered, the employment tribunal must determine the issue on the basis of the relevant legal requirement[43].

Mill-provi li tressqu f'din il-kwistjoni ta' xoghol dan it-Tribunal iqis li l-intimati ma lahqux il-grad rikjest mil-ligi u dan stante l-verzjonijiet konfliggenti li huma stess taw matul ix-xhieda taghhom. Dan deher bic-car meta l-intimati ttenttaw joskuraw lir-rikorrenti dwar l-igene taghha. L-intimati ghalkemm kienu d-diretturi tas-socjetatijiet intimati ma pprezentawx xhud wiehed biss li kkorrabora l-verzjoni taghhom. L-intimati ghamlu minn kollox sabiex ipingu lir-rikorrenti bhala persuna traskurata, mahmuga, rresponsabbli, aggressiva u negligenti f'xogholha.

Dan kollu sar b'intenzjoni sinistra sabiex ikollhom raguni valida sabiex jitterminawlaha l-impieg taghha. Illi dan kollu ma jistax jigi ritenut argument validu ghal dan it-Tribunal sabiex jaccetta terminazzjoni ta' mpjegata. Illi fil-kamp tal-ligi tal-impjiegi dan it-tip ta' manuvrar u strategiji minn min

[42] Selwyn's Law of Employment 21st Edition – Astra Emir, Oxford University Press (2020) – par. 20.83, p. 524.
[43] Selwyn's Law of Employment 21st Edition – Astra Emir, Oxford University Press (2020) – par. 20.87, p. 525.

ihaddem, ossia l-principal, mhuwiex accettabbli, u dan it-Tribunal jiddeplora dak li l-intimati ghamlu lir-rikorrenti tul id-durata tal-impjieg taghha.

Illi kif gia gie spjegat f'decizjonjiet ohra ta' dan it-Tribunal, il-kumpens li jasal ghalih it-Tribunal ghandu jkun in linea ma' dak li jkun ghadda minnu l-impjegat/a. Il-Qrati taghna wkoll indikaw il-mod u x'ghandu jiehu in konsiderazzjoni t-Tribunal Industrijali sabiex jasal ghall-kumpens gust u xieraq.

Il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) f'diversi decizjonjiet elenkat l-istanti li Tribunal Industrijali ghandu jikkonsidra sabiex jasal ghall-komputazzjoni tal-kumpens u kif ukoll x'ghandu jikkonsidra sabiex jasal ghal tali kumpens[44]. Illi ghalhekk dan it-Tribunal sejjer
sabiex jghaddi u jilqa' t-talba tar-rikorrenti, Maria Galea, u jordna l-hlas ta' kumpens da parti taz-zewg socjetajiet intimati, Malaga Enterprises Ltd u 2RS Ltd lir-rikorrenti, u dan stante li t-terminazzjoni tar-rikorrenti saret b'mod ingust miz-zewg intimati, Malaga Enterprises Ltd u 2RS Ltd.

**Decide**

Illi ghaldaqstant dan it-Tribunal qieghed jordna lis-socjetajiet intimati sabiex ihallsu kumpens fl-ammont ta' sitt elef Ewro (€6,000), ossia erba' xhur salarju, lir-rikorrenti Maria Galea, liema somma ghandha tithallas fi zmien xahar mid-data tad-decizjoni odjerna.

Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal qieghed jistabilixxi d-drittijiet tar-rapprezentanti legali tal-partijiet fl-ammont ta' €93.17c ghal kull rapprezentant legali.

Ghalhekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

(Iffirmat)

---

[44] Appell Civili 64/2017 – Qorti tal-Appell (Komptenza Inferjuri) fl-ismijiet Borg Carmel vs Malta Transport Services (operations) Ltd deciza fid-9 ta' Marzu 2019, per l-Onorevoli Mhallef Anthony Ellul, u Appell Civili 90/2018 – Qorti tal-Appell (Komptenza Inferjuri) fl-ismijiet Pisani Marco vs The AV Warehouse Ltd deciza fil-11 ta' Frar 2019, per l-Onorevoli Mhallef Anthony Ellul, u Appell Civili Nru:160/2018 fl-ismijiet, Publius Davison vs De La Rue Currency and Security Limited deciza 11 ta' Ottubru 2019, per l-Onorevoli Mhallef Anthony Ellul.

**Av. Geoffrey Vella**
**Chairman**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**